## 18 ta' Ottubru, 1955

### Imħallef:
### Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Philip Grima *versus* Francis Scerri

### Kera — Depożitu — Art. 1199 tal-Kodiċi Ċivili

*Fl-obligazzjonijiet għall-ħlas ta' annwalitajiet jew pagamenti oħra perijodiċi, sew ta' kera, sew ta' ċens, sew ta' imgħaxijiet, sew ta' renditi oħra, kull skadenza tifforma kreditu distint u separat "per sè". Fi kliem ieħor, tifforma "quid unum" u*

*ntier. U jekk il-debitur, sabiex jevita l-effetti dannuži għalieh pattwiti għall-każ ta' nuqqas ta' ħlas f'numru determinat ta' skadenzi, joffri l-pagament ta' waħda jew aktar minnhom, il-kreditur ma jistax jirrifjutah; u jekk jirrifjutah u jsir depožitu tagħhom sabiex ikunu konsegwiti mill-kreditur, dan l-aħħar imsemmi jagħmel ħažin li jirreklama l-effetti pattwiti; a differenza tal-każ ta' ħlas ta' kapitali u ta' ħlas mhux perijodiku. Għaldaqstant, il-kreditur li lilu ssir offerta ta' rati skaduti ta' kera ma jistax jirrifjuta li jirċevihom fuq il-motiv li jippretendi skadenzi anterjuri; imma għandu jirċevihom mingħajr preġudizzju u b'riżerva tar-rati anterjuri li hu jippretendi li għandu jieħu. F'każ ta' dan ir-rifjut, id-depožitu ta' dawk ir-rati hekk offerti u rifjutati huwa validu, u jekwivali għal pagament.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara illi ppremetta illi b'ċedola ta' depožitu tat-13 ta' Awissu, 1955, il-konvenut iddepožita taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti s-somma ta' £12.11.3, li unita ma' l-ispejjež ta' l-istess ċedola, ta' £1.8.9, jagħmlu s-somma ta' £14 — somma minnu dovuta lill-attur għal żewġ trimestri kera tal-post E, Wied il-*Għajn* Street, Żabbar, skaduti fl-ewwel ta' April u fl-ewwel ta' Lulju, 1955; u billi fil-fatt l-attur għandu jieħu mingħand il-konvenut kera ta' tliet trimestri, u mhux ta' tnejn, u għalhekk irrifjuta li jirċievi parti biss mill-kreditu lilu dovut; u billi, fi kwalunkwe każ, kien hemm ftehim bejn il-kontendenti illi l-kera in kwistjoni kellu jservi bħala pagament ta' parti mid-dejn ta' £30 li l-attur kellu mal-konvenut; mogħtija l-provvedimenti opportuni u premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji, fosthom dik illi l-attur kellu jieħu mingħand il-konvenut il-kera ta' tliet trimestri skaduti fl-ewwel ta' Jannar, fl-ewwel ta' April, u fl-ewwel ta' Lulju, 1955, talab li għarraġunijiet fuq imsemmija jiġi dikjarat u deċiż illi d-depožitu fuq imsemmi, magħmul mill-konvenut fit-13 ta' Awissu, 1955, huwa invalidu, u kwindi ta' ebda effett legali. Bl-ispejjež, kompriżi dawk taċ-ċedola ta' depožitu tat-13 ta' Awissu, 1955;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta li l-konvenut ilu xi sentejn kondut-tur tal-post ittra "E", Wied il-Għajn Street, Żabbar, ta' pro-

prjetà ta' l-attur. u jħallas għalih £7 kull tliet xhur. Irriżulta wkoll li l-attur, sabiex jikri dan il-post lill-konvenut, kien ħadlu ngar ta' £30. F'April u Lulju, 1955, skadew żewġ trimestri, u l-konvenut, għall-ħabta tas-7 ta' Lulju, 1955, mar id-dar ta' l-attur, li joqgħod Ħaż-Żebbuġ, u ħadlu ż-żewġ trimestri li jiskadu rispettivament fl-1 ta' April u fl-1 ta' Lulju 1955, ċjoè b'kollox £14; imma l-attur qallu li ma kienx ħallas it-trimestru ta' l-1 ta' Jannar, 1955. Il-konvenut wieġeb li għat-trimestru ta' l-1 ta' Jannar, 1955 huwa kien mar fil-bidu ta' dak ix-xahar u ħallieh mal-ktieb ta' l-irċevuti f'idejn omm l-attur; imma l-attur u ommu innegaw dan il-fatt, jew pjuttost l-omm innegat dan il-fatt, għaliex l-attur ma kienx hemm fl-okkażjoni msemmija, u qal li huwa sab biss il-ktieb ta' l-irċevuti bla flus, u ħaseb, jew aħjar ippretenda, li l-ktieb ta' l-irċevuti l-konvenut kien ġiebu sabiex jagħmillu kwittanza parzjali u jiskonta l-kera mir-rigal li kellu jagħtieħ. L-attur ma jeskludix li l-konvenut seta' mar id-dar tiegħu l-ewwel ġimgħa ta' Jannar, 1955, u ħalla l-ktieb ta' l-irċevuti, imma jsostni li fih ma ħalliex is-£7 tat-trimestru ta' l-1 ta' Jannar, 1955. Irriżulta wkoll li, meta l-konvenut mar fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju, 1955: bl-£14, kif fuq intqal, bejn il-kontendenti kien sar xi diskors fuq kif għandu jsir il-ħlas tat-£30, ċjoè għandux jiġi skuntat mill-kera jew le; imma qamet il-kwistioni tas-£7 għat-trimestru ta' l-1 ta' Jannar, u l-partijiet ma qablux, u għadhom ma jaqblux, fuq jekk sarx jew ma sarx ftehim li l-kera kellu jiġi skuntat mir-rigal. Huwa fatt li l-konvenut offra lill-attur iż-żewġ trimestri ta' l-1 ta' April, u l-1 ta' Lulju, 1955, l-għaliex kien qiegħed isostni li dak ta' l-1 ta' Jannar, 1955, kien ħallihulu d-dar għand ommu; u l-attur ma aċċettax dik l-offerta;

Ikkunsidrat;

Illi lwar il-ftehim jekk il-kera li kellu jiskadi u li skada kellux jew le jiġi, man mano li jiskadi, kompensat mar-rigal, jingħad li, apparti milli skond l-art. 6(1) ta' l-Ordinanza XVI ta' l-1944, il-konvenut kellu l-jedd ta' l-għażla, u ċjoè jew jiddeduċih mill-kera minnu mistħoqq jew li l-quddiem kien għad jista' jistħoqq lill-attur, jew juża mezz ieħor ta' ġbir ta' dak l-istess rigal, kien jispetta lill-attur li

jipprova l-istess ftehim, in forza tal-prinċipju "actore non probante, qui convenitur, et si nihil ipse praestat, obtinebit" (L. 4, de edendo 2, 1);

Illi, fid-dawl ta' dan il-prinċipju fuq espost, l-attur ma ppruvax il-konvenzjoni minnu sostnuta; għaliex l-attur mhux eżatt fix-xhieda tiegħu, u għar-raġunijiet li sejrin jissemmew:

*Omissis;*

Illi kwindi l-ftehim allegat mill-attur ma sehħx, l-għaliex ma ġiex soddisfaċentement pruvat;

Ikkunsidrat;

Illi dwar il-ħlas tat-trimestru ta' l-1 ta' Jannar, 1955, jingħad li, *indipendentement* **mill-ħlas** jew le ta' dak it-trimestru mill-konvenut, l-attur seta' jirċievi l-£14 tat-trimestru ta' l-1 ta' April u l-1 ta' Lulju, 1955, liberament, b'riżerva ta' l-ewwel trimestru ta' l-1 ta' Jannar, 1955, u bla preġudizzju tal-ħlas tiegħu, kif jidher mid-diċitura u mill-argument li jitnissel mill-art. 1203 tal-Kap. 23, li jikkontempla l-preżunzjoni kontenuta fil-Lex 3 Codex de apochis publicis (ara Merlin, Repertorio Vol. XV, vuċi "Presunzione". Parte I, § III, no. VIII, paġ. 274). Del resto, ġie deċiż li ġiet milqugħa ħafna d-dottrina li fl-obligazzjonijiet għall-ħlas ta' annwalitajiet jew pagamenti oħra perijodiċi, sew ta' kera, sew ta' ċens, sew ta' imgħaxijiet, sew ta' renditi oħra, kull skadenza tifforma kreditu distint u separat "per sè"; fi kliem oħra, tifforma "quid unum" u ntier; u jekk id-debitur, sabiex jevita l-effetti dannużi għalih pattwiti għall-każ ta' nuqqas ta'ħlas f'numru determinat ta' skadenzi, joffri l-pagament ta' waħda jew aktar minnhom, il-kreditur ma jistax jirrifjutahom; u jekk jirrifjutahom, u isir id-depożitu tagħhom mid-debitur sabiex ikunu konsegwiti mill-kreditur, dan l-aħħar imsemmi jagħmel ħażin li jirreklama l-effetti pattwiti (ara Prim'Awla Ċivili 22 ta' Frar, 1889, "Manduca vs. Scifo et.", Vol. XII, p. 146, u in partikulari 148 Kolonna 1a.). Minn liema affermazzjoni huwa leċitu li bniedem jiddeduċi l-argument kontra r-rifjut ta' l-attur. Kieku kien il-każ ta' ħlas ta' kapital, u **mhux ta' ħlas** perijodiku, allura l-kwistjoni kienet tkun **ben diversa**, u kien

isir operattiv l-art. 1199 tal-Kodiċi Ċivili, korrispondenti għall-art. 1246 tal-Kodiċi Ċivili Taljan;

Illi huwa evidenti li l-intenzjoni tal-konvenut ma kienetx dik li l-attur jirċievi l-aħħar pagament qabel l-anterjuri, imma, billi kien qiegħed jikkontesta l-ewwel pagament perijodiku, ried iħallas dak li ma kienx in kontestazzjoni, impreġudikata u salva l-kwistjoni dwar it-trimestru kontestat;

Illi, in vista tar-raġunijiet premessi, l-offerta magħmula mill-konvenut kienet valida, indipendentement mill-fatt jekk it-trimestru ta' l-1 ta' Jannar, 1955, ġiex jew le skontat;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara li d-depożitu magħmul mill-konvenut fit-13 ta' Awissu, 1955, kien preċedut minn offerta tajba, u li l-istess kien validu skond il-liġi; b'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni lill-attur kontra l-konvenut għat-trimestru ta' l-1 ta' Jannar, 1955, "si et quatenus" huwa lilu dovut skond il-liġi;

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-attur.